



Introduzzjoni għall- Ftehim ta' Sħubija Ekonomika UE-Ġappun

L-agrikoltura

Il-Ġappun huwa r-raba' l-akbar suq għall-esportazzjonijiet agrikoli tal-UE L-esportazzjonijiet agrikoli tal-UE għall-Ġappun jiswew aktar minn għoxrin darba dawk tal-Ġappun lejn l-UE. Iżda d-ditti Ewropej jiffaċċjaw ħafna ostakolu għall-kummerċ meta jesportaw għall-Ġappun

Skont il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika UE-Ġappun, il-komunitajiet tal-biedja tal-UE u l-produtturi tal-ikel u x-xorb se jiksbu aċċess aktar faċli għas-suq Ġappuniż u aktar opportunitajiet biex ibiegħu il-prodotti tagħhom lill-127 miljun konsumatur Ġappuniż.

Prodotti Ewropej - il-favoriti tal-Ġappun

Il-konsumaturi Ġappuniżi jħobbu prodotti Ewropej ta' kwalità bħal inbejjed, ġobnijiet, ċikkulata, majjal u għaġin. Iżda l-Ġappun jimponi tariffi għoljin fuq l-importazzjonijiet ta' dawn il-prodotti u ta' prodotti oħra tal-ikel u tax-xorb Ewropej:

- 30-40% fuq il-ġobon
- 38.5% fuq il-laħam taċ-ċanga
- 15% fuq l-inbid
- Sa 24% fuq l-għaġin
- Sa 30 % fuq iċ-ċikkulata

Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika UE-Ġappun se jixhed it-tneħħija tad-dazji tal-Ġappun fuq aktar minn 90% tal-esportazzjonijiet agrikoli tal-UE minnufih. Dan se jagħmel il-prodotti Ewropej aktar affordabbli u aktar attraenti għall-konsumaturi Ġappuniżi.

L-UE trid ukoll tittratta ostakli oħra għall-kummerċ bħar-regoli u r-regolamenti ambigwi tal-Ġappun biex ikun eħfef għall-produtturi Ewropej biex jesportaw il-prodotti tagħhom lejn il-Ġappun.

Xi prodotti huma sensittivi wisq biex il-Ġappun ineħħi d-dazji kompletament. F'dawn il-każijiet, il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika UE-Ġappun se jżid il-kwoti mingħajr dazju jew inaqqas id-dazji għall-prodotti tal-UE.

B'tariffi aktar baxxi, anqas burokrazija u kwoti ogħla, se jkun aktar faċli biex il-bdiewa u l-produtturi tal-UE jesportaw u jieħdu vantaġġ minn opportunitajiet ġodda tas-suq.

Aħbarijiet sbieħ għall-produtturi Ewropej ta' prodotti reġjonali ta' ikel u xorb distintivi

L-UE hija produttur kbir ta' prodotti reġjonali ta' ikel u xorb distintivi bħall-ġobon Roquefort, il-ħall balsamiku minn Modena, il-ġobon Manchego Spanjol u l-Wiski Irlandiż.

Ħafna minn dawn il-prodotti distintivi huma oġġetti ta' valur għoli u l-produzzjoni tagħhom spiss iġġib benefiċċji ekonomiċi usa' lill-komunitajiet fejn jiġu prodotti.

Dawn il-prodotti jgawdu minn status speċjali magħruf bħala '*Indikazzjoni Ġeografika*' li tgħarraf lill-konsumaturi li huma prodott ġenwin. Din tippermetti wkoll lill-produtturi Ewropej jaqilgħu primjum għall-kwalità tal-prodotti tagħhom.

UE-Ġappun



FTEHM TA' SĦUBIJA EKONOMIKA

Il-Ġappun kieku jagħraf aktar minn 200 Indikazzjoni Ġeografika Ewropea magħżula minn Stati Membri tal-UE għall-valur attwali jew potenzjali ta' esportazzjoni fis-suq Ġappuniż. Huma biss il-prodotti b'dan l-istatus li jitħallew jinbiegħu fil-Ġappun bl-isem korrispondenti.



Dan jagħmilha illegali li jinbiegħu prodotti ta' imitazzjoni - per eżempju ġobon ittikkettat bħala Roquefort li iżda ma jsirx f'Roquefort.

Dan għandu:

- jirrikonoxxi għal kolli prodotti bħax-Chablis, il-Chianti, it-Tiroler Speck jew il-Jambon de Bayonne fis-suq Ġappuniż
- jgħin lill-produtturi u lill-esportaturi Ewropej jiżviluppaw il-kummerċjalizzazzjoni fil-Ġappun
- jassigura lill-konsumaturi Ġappuniżi li qed jixtru l-prodott Ewropew ġenwin.

Kif se jibbenefikaw il-bdiewa Ewropej?

Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika UE-Ġappun:

- se jneħħi immedjament it-tariffi fuq l-inbid
- se jraħħas sew it-tariffi Ġappuniżi fuq l-esportazzjonijiet mill-UE ta' majjal - l-aktar

esportazzjoni agrikola importanti tal-UE lejn il-Ġappun f'termini ta' valur

- jaqta' t-tariffi Ġappuniżi fuq il-laħam taċ-ċanga
- jiftaħ is-suq tal-Ġappun għall-ġobnijiet Ewropej
- iżid il-kwoti tal-Ġappun għall-esportazzjonijiet tal-UE ta' xgħir, lamtu tal-patata, trab tal-ħalib xkumat, butir u xorrox.

Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika UE-Ġappun se jiftaħ il-kummerċ ta' ikel ipproċessat bħall-għaġin, iċ-ċikkulata, il-ħelu u l-biskuttini. L-esportazzjonijiet tal-UE ta' prodotti simili lejn il-Ġappun jiswew nofs biljun ewro fis-sena.

Kif se jaffettwa lill-konsumaturi dan il-ftehim?

Bħall-ftehimiet kummerċjali kollha tal-UE, il-ftehim mal-Ġappun mhux se jaffettwa l-istandards ta' sigurtà ta' prodotti Ewropej, inkluż l-istandards għall-prodotti tal-ikel u dawk agrikoli.

Bħall-UE, il-Ġappun għandu standards tal-prdotti stretti ħafna, inkluż għall-prodotti tal-ikel u dawk agrikoli. Fil-fatt, l-UE u l-Ġappun għandhom l-oġġla standards ta' protezzjoni tal-konsumatur fid-dinja. Il-ftehim se jsaħħaħ dawn l-istandards.



UE-Ġappun



FTEHIM TA' SĦUBIJA EKONOMIKA

F'ħafna oqsma l-istandards Ġappuniżi huma aktar stretti minn dawk internazzjonali, għalhekk il-konsumaturi Ewropej jistgħu jibqgħu ċerti li l-prodotti tal-ikel u tax-xorb mill-Ġappun huma suġġetti għal rekwiżiti rigorużi.

L-importazzjonijiet kollha tal-UE li jidħlu fl-UE, inkluż dawk mill-Ġappun, iridu jikkonformaw mal-istandards ta' sikurezza alimentari tal-UE u mal-liġijiet tal-UE. Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika UE-Ġappun mhux se jbidel dan.

Għalkemm l-UE tippermetti importazzjonijiet ta' laħam taċ-ċanga mil-Ġappun, il-Ġappun bħall-UE, jipprojbixxi l-użu ta' ormoni fil-laħam taċ-ċanga. Il-Ġappun, bħall-Ewropa, għandu regoli stretti dwar l-ipproċessar anke ta' laħam taċ-ċanga pproċessat mill-Ġappun li juża laħam taċ-ċanga importat.

Laħam taċ-ċanga trattat b'ormoni u OĠM

Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika UE-Ġappun mhux se jbidel ir-regoli tal-UE dwar laħam taċ-ċanga trattat b'ormoni jew OĠM.

Il-Konsumaturi Ġappuniżi għandhom ukoll l-istess tħassib dwar l-OĠM bħall-kontroparti Ewropej. Bħall-UE, il-Ġappun għandu liġijiet stretti fuq l-OĠM.